MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1581/2001/1

**Alexander Camilleri**

**vs**

**Pass Developers Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta.

Illi fl-1 ta' Marzu 2000 huwa wegga' fuq il-post tax-xoghol u sofra lezjonijiet ta' natura gravi u permanenti.

Illi l-incident imsemmi sehh b'rizultat ta' negligenza tas-socjeta' konvenuta kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi s-socjeta' konvenuta debitament interpellata sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni baqghet inadempjenti.

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-incident li sehh fl-1 ta' Marzu 2001 u li sehh b'rizultat ta' negligenza da parti tas-socjeta' konvenuta, u b'rizultat ta' liema incident l-attur sofra debilita permanenti, spejjez ta' kura u spejjez ohra.

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur permezz ta' periti nominati mill-Qorti.

3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas dawk id-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-izpejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Novembru 2000 u tat-2 ta' Frar 2001 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoin tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament l-attur ma' sofriex lezjonijiet gravi u permanenti u lanqas sofra debilita permanenti.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi ma huwiex minnhu illi l-incident in kwistjoni gara minhabba xi tort, negligenza jew nuqas ta' osservanza tal-

prekawzjonijiet da parti tal-konvenuti – kif jigi ppruvat aktar tard dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna;

Rat id-dkjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat l-affidavits ta' Joseph Gerada u ta' mart l-attur presentati mill-attur.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attur.

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta' konvenuta.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Marzu 2002 li bih gie nminat bhala espert mediku lill Mr. Anthony Bernard bil-fakoltajiet kollha soliti.

Rat ir-rapport tal-espert mediku debitament konfermat bil-gurament fis-27 ta' April 2004.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-attur kien impjegat bhala bennej mas-socjeta konvenuta. Fl-1 ta' Marzu 2000 sehh incident waqt li l-attur kien qieghed fuq ix-xoghol. L-attur sofra feriti bhala kawza ta' dan l-incident. Jirrizulta ukoll li l-impjieg tal-attur gie tterminat bhala konsegwenza tal-imsemmi incident u sal-gurnata tal-presentata tal-presenti citazzjoni l-attur kien ghadu bla xoghol. L-attur ghandu zewgt itfal u l-mara tieghu ma tahdimx.

L-attur isostni li dan l-incident sehh tort tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk talab li l-istess socjeta' konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-imsemmi incident, li jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-attur bhala kawza tal-

istess incident u li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas id-danni kollha hekk likwidati.

Da parti taghha s-socjeta' konvenuta teccepixxi li mhux minnu li l-attur sofra  lezjonijiet gravi jew debilita' permanenti u lanqas ma hu minnu li l-incident in kwistjoni gara tort tas-socjeta' konvenuta.

Mill-provi prodotti, b'mod partikolari mill-affidavits tal-attur u dak ta' Joseph Gerada, jirrizulta li fl-1 ta' Marzu 2000 l-attur kien qed jadem fi plot gewwa Hal Lija. Kien qieghed fl-ewwel sular qed jibni hajt divizorju. Il-gebel li kien qed juza l-attur kienu ttellghu fuq is-saqaf prcedentement mill-imghallem tal-attur. Bejn fejn kien il-gebel fuq is-saqaf u x-xifer tal-istess saqaf kien hemm spazju zghir hafna. L-attur kien qed qieghed il-gebel li kienu qed jingibu minn impjegat iehor. F'hin minnhom l-attur kien kokka b'pala f'idu u kien wasal biex jaghlaq l-ewwel filata. Dak il-hin resaq lura sabiex iqum bil-wieqfa biex ikun jista jiehu l-ahhar gebla minnghand l-impjegat l-iehor. Huwa kien vicin ix-xifer u kif resaq lura, waqt li kien ghadu kokka, bil-warrani habat mal-gebel li kien kien hemm warajh. Minhabba f'hekk huwa intefa; il-quddiem u tilef il-bilanc. L-attur waqa gholi ta' sular u kaxkar mieghu xi erbgha filati gebel. Ma kien hemm l-ebda sigurta' max-xifer u l-attur kien libes is-"safety shoes." Bhala konsegwenza l-attur ittiehed l-isptar fejn inzamm ghal xi granet.u fejn gie operat diversi drabi.

Jirrizulta li l-attur dam impjegat mas-socjeta konvenuta mill-l0 ta'April, 1988, sat-12 ta'April, 2001. F'Marzu 2000, l-attur kellu paga gross ta' Lm54. 25c fil-gimgha oltre il-bonus.

Fil-kors ta' dawn il-proceduri gie nominat bhala espert mediku Mr. Anthony Bernard. L-imsemmi espert mediiku fir-rapport tieghu, wara li esamina lill-attur u wara li kkonsidra c-cirkostanzi kollha rilevanti u partikolari tal-kaz, ikonkluda li d-dizabilita' permanenti li sofra l-attur kawza ta' dan l-accident hija ta' ghaxra fil-mija(10%).

Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess jirrizulta li l-incident in kwestjoni sehh tort tas-socjeta’ konvenuta, li ghalhekk ghandha titqies li hi resposabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident. Difatti jirrizulta li l-gebel li ttella fuq is-saqaf qabel ma sehh l-incident tqieghed fuq l-istess saqaf b’mod negligenti u mhux skond kif tirrikjedi s-sengha. Il-mod kif tqieghed il-gebel fuq is-saqaf kien ta’ perikolu ghall-haddiema li kellhom jahdmu fuq l-istess saqaf fi spazju ristrett. L-ispazju li thalla bejn fejn tpogga il-gebel u x-xifer tas-saqaf kien minmu u ghalhekk il-haddiema, inkluz l-attur kellhom jahdmu vicin ix-xifer u ma kellhomx spazju fejn setghu jimmanuvraw kif suppost. Ma jirrizultax li s-socjeta’ attrici pprovdiet il-mezzi ta sigurta’ kollha necessarji sabiex tigi salvagwardata l-inkolumita’ tal-haddiema taghha. Kull ma jirrizulta li pprovdiet is-socjeta’ konvenuta kienu s-“safety shoes” li kien libes l-attur. Ma kienx hemm ilqugh fix-xifer tas-saqaf u l-attur ma giex ipprovdut b’mezzi ohra li setghu wasslu biex jigi evitat l-incident. Galhekk is-socjeta’ konvenuta ma pprovdiex “a safe environment” fejn kien wed jahdem l-attur.

Fil-hin tal-incident l-attur kellu circa wiehed u tletin (31) sena u kellu paga ta circa elfejn u tmien mitt liri maltin (Lm2800) oltre l-bonus. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u tal-varjazzjonijiet fil-paga li jistghu jsehhu matul is-snin, ghall-finijiet tal-kalkolu ghal-likwidazzjoni tad-danni (lucrum cessans) il-paga ghandha tigi kalkolata fis-somma ta tlett elef u mitt liri maltin (Lm3100) fis-sena. Peress li l-attur kellu 31 sena meta sehh l-incident il-“multiplyer” ghandu ikun ta’ tletin (30) sena. In vista tal-persentagg ghar-rigward tad-debilita’ permanenti kif kalkolata mill-espert mediku s-somma rizultanti ghandha tigi moltiplikata b’ghaxra fil-mija (10%). Finalment ghandu jitnaqqas l-ghoxrin fil-mijaq (20%) in vista li l-pagament relattiv ser isir f’pagament wiehed. Ghalhekk il-lucrum cessans ghandu jigi likwidat fis-somma ta’ sebat elef liri u erba mija u erbghin liri maltin (Lm7440) (Lm3100 x 30 x 10% - 20% = Lm7440) ekwivalenti ghal euro sbatax il-elf tlett mija u tletin u erbgha u hamsin centezmu (€17330.54). Sabiex jigu definiti d-danni komplessivi ghaandhom jizdiedu Lm160 spejjez medici li

hallas l-attur (damnum emergens) (fol39) ekwivalenti ghal euro tlett mija u tnejn u sebghin u sebghin centezmu (€372.700). B'kollox id-danni kollha ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' euro sbatax il-elf sebgha mija u tlieta u erbgha u ghoxrin centezmu (€17703.24).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ghall-incident in kwestjoni li sehh fl-1 ta' Marzu 2001 u li sehh b'rizultat ta' negligenza da parti tas-socjeta' konvenuta, u b'rizultat ta' liema incident l-attur sofra debilita permanenti, spejjez ta' kura u spejjez ohra, t tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta' euro sbatax il-elf sebgha mija u tlieta u erbgha u ghoxrin centezmu (€17703.24) u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-imsemmija somma ta' euro sbatax il-elf sebgha mija u tlieta u erbgha u ghoxrin centezmu (€17703.24) in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------